Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,324, 3 ta' Settembru, 1996
Taqsima B

A.L. 168 ta' l-1996

ORDINANZA DWAR IL-PENSJONIJIET
(KAP. 93)

Ordni ta' l-1996 dwar l-Impieg ma' Gian Franġisk Abela Junior College għall-finijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 8A ta' l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Ordinanza", il-President għamel l-ordni li ġej:—

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1996 dwar Impieg ma' Gian Franġisk Abela Junior College għall-finijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet. Titolu.

2. Gian Franġisk Abela Junior College qegħda tiġi speċifikata bħala entità li magħha uffiċjal jew impjegat li jtemm is-servizz mal-Gvern ikun jista' jieħu impieg tal-ħin kollu skond l-artikolu 8A ta' l-Ordinanza u għall-finijiet tiegħu. Tismija skond l-artikolu 8A ta' l-Ordinanza.